Diff: 15/04/2002

**TRIBUNAL GHAT-TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR:**
**Dr Audrey J. Demicoli LL.D.**

**Avviz numru 1459/01AJD**

**Papyrus Reprographic Services Ltd**

**vs**

**Vassallo Silvio pro et noe**

**Seduta mizmuma illum l-Erbgha, 20 ta' Marzu 2002**

**Dr Edward Woods prodott mis-socjeta konvenuta, bil-Malti, bil-gurament tieghu jghid:**

**Ftit tal-jiem wara it-2 ta' Novembru,2001, jiena ircevejt ittra minghand l-avukat Malcolm**

**Mifsud, liema ittra kienet giet miktuba ghan-nom tas-socjeta attrici. Jiena qed nesebixxi kopja ta' din l-ittra li qed tigi immarkata bhala Dok EW1. Fid-19 ta' Novembru tal-istess sena, jiena baghat risposta ghal din l-ittra u qed nesebixxi kopja ta' din ir-risposta li qed tigi immarkata bhala Dok EW2.**

**Jien ktibt din ir-risposta a nom tas-socjeta konvenuta li kienet klijenta tieghi. Nghid li mal-ittra tat-2 ta' Novembru, 2001, l-avukat Mifsud kien annetta kopja ta' sales ledger report. Jiena u l-klijent tieghi ma stajniex nifmu l-kontenut ta' dan is-sales ledger report u ghalhekk fl-ittra tieghi tad-19 ta' Novembru, tlabt lil Dr. Mifsud sabiex jghati spjegazzjoni ta' dak li allegatament kien dovut.**

**Jiena ma rcevejt l-ebda risposta ghall-ittra tiehgi tad-19 ta' Novembru u ftit wara din id-data il-klijent tieghi rcieva l-inkartament li jirrigwarda il-kawza odjerna.**

**Din hija is-sustanza tax-xhieda ta' Dr. Edward Woods dettata mit-Tribunal fil-presenza tax-xhud.**

**Niddikjara li ttraskrivejt fis-sewwa u fedelment u fl-ahjar taghrif u hila tieghi r-registrazzjoni tat-tape.**

**Vincent Cauchi**
**Traskrittur**